Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2229/2003

**Oscar u Ludgarda konjugi Mizzi**

**vs**

**Emanuel u Connie konjugi Pace u Leone u Grace konjugi Ciantar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mija u tnejn u sebghin lira Maltija (Lm1472.00), jew somma verjuri li tigi stabbilita mit-Tribunal, rapprezentanti arretrati ta' kera gravanti l-fond minghajr numru bl-isem Fone Zone, f'Constitution Street, Mosta, u dan ghall-perijodu mill-1 ta' Marzu, 2003 sal-31 ta' Awissu, 2003, u dan bir-rata ta' tmien liri Maltin (Lm8.00) kuljum;**



Qrati tal-Gustizzja

**Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra interpellatorja datata 25 ta' Settembru, 2003, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fis-16 ta' Jannar, 2004, ghas-subizzjoni ta' konvenuti Leone u Grace konjugi Ciantar, u l-kapitolu prezentat fit-30 ta' Jannar, 2004 ghas-subizzjoni ta' Emanuel u Connie konjugi Pace.**

**Semgha x-xhieda ta' Emmanuel Pace. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**Illi skond ma xehed Emanuel Pace il-ftehim originali kien sar mieghu u ma' Ciantar, pero` Ciantar illum m'ghadux partner tieghu, u ilu li spicca minn mieghu xi sentejn u nofs. L-attur Emanuel Pace ammetta li l-ammont mitlub huwa dovut kollu mill-istess Pace.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti Emmanuel u Connie konjugi Pace jhallsu lill-atturi is-somma ta' elf u erba' mija u tnejn u sebghin lira Maltija (Lm1472.00), bl-imghax legali mid-19 ta' Novembru, 2003. It-Tribunal qed jillibera lill-konvenut Ciantar mill-osservanza tal-gudizzju.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tal-25 ta' Settembru, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti konjugi Pace.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------